MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2013

Numru. 813/2013

**PULIZIJA**
**SPETTUR FRANKIE SAMMUT**

**VS**

**DOMENIC FAVA**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Domenic Fava, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 429371 (M).

**Akkuzat talli:**

Fl-10 ta` April 2012 fl-inhawi ta` Bormla, ikkommetta serq ta` oggett u cioe` sett rimijiet bit-*tyres* b'kollox ta` vettura

tal-marka **Daewoo**, bin-numru tar-registrazzjoni CBQ 183 liema serq, li sar ghad-deteriment ta` James Desira minn Paola u/jew persuni ohra, huwa kkwalifikat bil-valur li jammonta ghal aktar minn mija u sittax ewro u sebgha u hamsin centezmu (€116.57) imma mhux aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u bix-xorta tal-haga misruqa;

U aktar talli fl-istess perjodu ta` zmien u cirkostanzi xjentement laqa` ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, meuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxiehom u cioe` sett rimijiet bit-*tyres* b'kollox ta` vettura tal-marka **Daewoo**, bin-numru tar-registrazzjoni CBQ 183 liema oggett gej minn serq ikkwalifikat bil-valur li jammonta ghal aktar minn mija u sittax ewro u sebgha u hamsin centezmu (€116.57), imma mhux aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37).

**Il-Qorti:**

Rat id-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhieda mressqa u rat il-provi prodotta;

Rat l-Artikoli 267, 269 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

In ammissjoni volontarja u kkundizzjonata tal-imputat ghall-imputazzjoni lilu addebitata mill-prosekuzzjoni ma jhallu ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief li ssib lil imputat hati tar-ricettazzjoni.

Fir-rigward tal-piena l-Qorti wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz specjalment il-fatt illi l-imputat ghen lil awtoritajiet investigattivi f'investigazzjonijiet ohra u wara li hi konvinta mill-intenzjoni tal-imputat illi jirranga hajtu, u wara li hadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt illi l-imputat fadallu jservi seba' (7) xhur minn sentenza ta` prigunerija precedenti, dina l-Qorti temmen illi piena karcerarja effettiva ohra fil-konfront ta` dan l-imputat ma jkolliex l-effett mixtieq taghha.

Ghaldaqstant, filwaqt li qed issibu hati, qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkomettix reat iehor fi zmien sentejn (2) mill-lum u qieghed ukoll taht l-Artikolu 7 (1) tal-Kapitolu 446 ta` *probation order,* taghmel ordni ta' *probation* ghal perjodu ta` sentejn (2) minn meta jigi rilaxxat mill-habs.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------